MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2003

Appell Civili Numru. 1294/1995/1

**Damian Damian-Schembri**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti;**

Dan hu appell minn sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili moghtija fl-1 ta' Frar, 2001 li permezz taghha dik il-Qorti cahdet talba tal-attur sabiex il-konvenut jigi ordnat li

“jikkoregi” l-kunjom tieghu fl-att tat-twelid relattiv b’mod li dan flok “Schembri” jigi jaqra “Damian-Schembri”.

Fic-citazzjoni promotrici tal-kawza l-attur, wara li ppremetta li huwa kien twieled il-Kanada fis-26 ta’ Dicembru, 1963 u gie imsejjah bl-isem “Damian” u li mic-certifikat tat-twelid tieghu, ghalhekk, jirrizulta li hu jissejjah “Damian Schembri”; li ghas-sittax-il sena precedenti d-data tac-citazzjoni[1] huwa kien maghruf bl-isem ta’ Damian Damian-Schembri; premess dan, huwa talab lill-konvenut jghid ghala dik il-Qorti ma kellhiex *“tordna l-korrezzjoni tac-certifikat tat-twelid tal-attur biex jaqra isem Damian kunjom Damian Schembri”*.

Il-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku eccepixxa fl-ewwel lok li l-bdil tal-kunjom, a differenza tal-bdil tal-isem, ma kienx ammissibbli fit-termini tal-Artikolu 253(2) tal-Kodici Civili; u li fi kwalunkwe kaz ma kien hemm xejn zbaljat fic-certifikat tat-twelid tal-attur stante li dan jikkostitwixxi verbal korrett tal-istat ta’ fatt vigenti fid-data tat-twelid, u ghalhekk ma kienx hemm lok ghal xi azzjoni ghall-korrezzjoni bazata fuq zball.

Ghandu jigi precisat ukoll li fid-29 ta’ April, 1998 l-attur ippresenta rikors quddiem l-ewwel Qorti li permezz tieghu talab korrezzjoni fic-citazzjoni – korrezzjoni evidentement ispirata minn dak li kien sehh fil-kawza fl-ismijiet ***John Zammit maghruf bhala John Edward Zammit Pace v. Direttur tar-Registru Pubbliku*** deciza finalment minn din il-Qorti (diversament komposta) fit- 2 ta’ Marzu, 1994 – fis-sens li fit talba jitnehhew il-kliem *“l-korrezzjoni tac-certifikat tat-twelid ta’ l-attur biex jaqra isem Damian kunjom Damian-Schembri”* u minflokhom jitpoggew il-kliem *“l-annotazzjoni fil-margini tac-certifikat tat-twelid ukoll bil-kunjom Damian-Schembri”*. <u>Din it-talba qatt ma giet dekretata mill-ewwel Qorti</u>.

L-ewwel Qorti cahdet it-talba attrici -- u cioe` t-talba ghall-*“korrezzjoni tac-certifikat tat-twelid ta’ l-attur biex jaqra*

[1] Ic-citazzjoni giet presentata fis-27 ta’ Settembru, 1995.

*isem Damian kunjom Damian Schembri”* -- bl-ispejjez kontra l-attur wara li kkunsidrat is-segwenti:

“Ikkunsidrat li in forza ta’ dak li hemm komminat fl-artiklu 253 u artikli relativi tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-attur qieghed jintenta azzjoni biex din il-Qorti tordna korrezzjoni fl-att tat-twelid tieghu billi l-kunjom li jidher imnizzel fir-Registru u fic-certifikat relativ isir “Damian-Schembri” minflok “Schembri” biss, kif inhu imnizzel attwalment u kif hekk ilu mnizzel u registrat sa mit-twelid ta’ l-attur f’Ontario, Kanada.

Il-kontroparti konvenuta topponi ghax tali tibdil mhux legalment permissibbli u r-registrazzjoni effettwata fil-konfront ta’ l-attur fuq l-att tat-twelid kienet dik korretta.

Mill-provi prodotti, jirrizulta li l-attur mat-twelid tieghu ha l-isem ta’ Damian u dana l-isem tnizzel debitament fl-att tat-twelid tieghu ghal fini ta’ registrazzjoni flimkien mal-kunjom tal-missier li huwa Schembri. Ghal kull fini jigi rilevat li l-kunjom ta’ omm l-attur huwa Chetcuti.

L-attur ressaq provi biex jiddimostra li ghal diversi snin huwa gie maghruf u ndikat f’diversi certifikati u atti mhux bhala “Damian Schembri” kif imnizzel fir-Registru tal-Atti tat-Twelid imma bhala “Damian Damian-Schembri”. Ghalhekk huwa jikkontendi li tezisti sitwazzjoni de facto li l-Att tat-Twelid attwali tieghu ma jirriflettix tassew is-sitwazzjoni reali u lanqas m’huwa fl-ahjar interess pubbliku, ghaliex kif attwalment registrat ma jirriflettix sew dak li ghal diversi ragunijiet sar l-appellattiv formali u informali tieghu.

Illi minn punto di vista ta’ ligi, l-attur jissottometti illi l-kelma “isem” fl-artiklu 253 tal-Kap. 16 jinkludi kunjom. Di fatti huwa jigbed argument mis-subartiklu (3) fejn jinghad li kull bdil akkordat fl-isem ghandu jigi rifless f’kull att ta’ stat civili mhux biss tal-persuna koncernata izda wkoll ta’ l-ulied u dixxendenti ta’ dik il-persuna. Dan is-subartiklu, jissottometti l-attur, jista’ jaghmel sens biss jekk wiehed jifhem il-bdil ta’ “isem” bhala li jinkludi “kunjom”, u dan billi l-ewwel isem ta’ persuna ma jitnizzilx fl-atti tal-istat civili ta’

dixxendenti ulterjuri mit-tfal, izda huwa biss il-kunjom li jitnizzel.

Il-konvenut wiegeb li r-riferenza ghal dixxendenti ulterjuri fl-Art. 253.3 hija lapsus. Kieku l-legislatur ried jinkludi l-"kunjom" kien jghidha, kif jaghmel f'artikli ohrajn fl-istess kodici, per ezempju fl-Artiklu 4(1).

Ghal dik li hija intenzjoni tal-legislatur, l-attur irrileva li lingwistikament "isem" jista' jintuza kemm bhala l-ewwel isem jew bhala komprendenti kemm l-isem kif ukoll il-kunjom.

Il-konvenut wiegeb li d-dibattiti parlamentari – parti mill-hekk imsejha "travaux preparatoires" – li jirreferu ghat-tqeghid fis-sehh b'att tal-Parlament ta' din il-parti mil-ligi civili, kif espressa mill-allura Ministru tal-Gustizzja li ppilotaha, kienet turi li l-hsieb warajha kien li taghmilha possibbli li ssir korrezzjoni tal-isem u mhux pero' bdil fil-kunjom.

L-attur iccita xi sentenzi in sostenn tal-argumenti tieghu u cjoe' "John Zammit maghruf bhala John Edward Zammit Pace vs Direttur tar-Registru Pubbliku", deciza mill-Qorti tal-Appell fit-2 ta' Marzu 1994, Dr. Mario Rizzo maghruf bhala Dr. Mario Rizzo Naudi M.D. vs Id-Direttur tar-Registru Pubbliku, Qorti tal-Appell, 20 ta' Jannar 1986 u "Alfred Magro pro et noe vs Direttur tar-Registru Pubbliku", Prim' Awla tal-Qorti Civili tad-29 ta' April, 1987.

Il-konvenut, filwaqt li spjega l-ghala s-sentenzi surreferiti ma jiggjovawx u ma jsahhux is-sottomissjonijiet attrici, irrefera ghas-sentenza fil-kjawza fl-ismijiet: "Antonio Farrugia vs Louis Demajo", Prim' Awla tal-Qorti Civili tat-18 ta' Frar 1955 u partikolarment imbaghad ghas-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell tad-29 ta' Marzu 1971 fil-kawza "Karmnu Balzan Imqareb vs Direttur tar-Registru Pubbliku" u "Joseph Cutajar vs Dr. J. Scicluna noe", Qorti ta' l-Appell deciza fl-14 ta' Frar 1947.

Wara li kkunsidrat l-imsemmija sottomissjonijiet il-Qorti hija tal-fehma li t-terminu "isem" fl-artiklu 253 tal-Kap. 12 –

ghalkemm lingwistikament huwa minnu li jista' wkoll jikkomprendi fih il-kunjom ta' persuna – kien u hu biss ghall-fini tal-precitat artiklu 253 cirkoskritt ghal dak li bl-ingliz jissejjah "first name" jew "name to be called" – a differenza ta' dak li hu kunjom jew "surname". Fil-lingwa Franciza, bhal f'ilsna ohra, tinzamm differenza aktar netta bejn dak li jissejjah "prenom" minn dak li hu "nom de famille". Hu veru li fl-imsemmi artiklu hemm imsemmi wkoll li kull korrezzjoni tapplika wkoll ghal "dixxendenti ulterjuri", pero' din hija "lapsus", oppure kopertura tal-possibilita' li kemm-il darba isem ta' axxendenti jkun inbidel minn, per ezempju, "Paul" ghal "Joseph", tali korrezzjoni, talvolta milqugha, trid tibqa' tigi annotata. Pero' mid-dibattiti parlamentari jemergi li "ratio legis" kien dak biss li jaghmilha possibbli li f'kazi idoneji l-isem (il-"first name" jew "prenom") ikun jista' jigi mibdul – imma mhux il-kunjom ammenoke' ma jkunx hemm zball.

Id-diversi sentenzi citati mill-attur juru biss li l-Qrati accettaw korrezzjonijiet fis-sens ta' inkluzjoni ta' kunjom genitur imma qatt ma accettaw bdil jew zieda ta' kunjom jekk mhux ghax ikun sar zball x'imkien. Il-kunjomijiet "Magro" u "Magri", imsemmijin mill-attur fil-kawza citata minnu, dejjem gew meqjusa bhala differenti minn xulxin. Ghalhekk jekk xi hadd ikun gie mnizzel bhala "Magro" minflok "Magri", jew vice-versa, ikun jammonta ghal zball u bhala tali jkun soggett ghall-korrezzjoni jekk l-izball jigi ppruvat.

Illi dak li qed jippretendi l-attur ma jaqbilx ma' dak li gie deciz fis-sentenzi minnu riportati. Fil-kaz tieghu qatt ma kien hemm zball. Ghal xi raguni, ossija bhala stat ta' fatt, jirrizulta tassew li mal-milja tas-snin il-kunjom ta' l-attur beda jinkiteb bhala "Damian-Schembri" u issa l-attur qieghed jitlob li dan l-"istil" jigi moghti t-timbru ta' ufficcjalita' billi jinbidel il-kunjom tieghu. Jigi rilevat li ma hemm assolutament l-ebda konnessjoni ma' xi kunjom ta' genitur – dak matern jew patern – ma' l-isem jew kunjom in aggunta ta' Damian, li l-attur irid izid ma' dak prezentament registrat. Il-kaz li l-aktar jaqbel mal-kaz in ezami huwa proprju dak citat mill-konvenut fl-ismijiet "K. Balzan Imqareb vs M. Mortimer noe" li ghal xi raguni, l-

attur ghazel li ma jsemmix fin-nota elaborata tieghu – forsi ghal ragunijiet ovvji! F'dan il-kaz gie ritenut li

*"….. il-pretiza aggunta bhala parti mill-kunjom, tal-kelma 'Imqareb', li hi ghal kollox estraneja ghall-kunjom li skond il-ligi jispetta lill-attur u hi ghal kollox arbitrarja (m'hijiex lanqas il-kunjom ta' l-omm, aggunta li, kif fuq inghad, kienet tkun ammissibbli skond l-uzu) m'hijiex legalment gustifikata ……"*

Fil-fehma tal-Qorti, il-pozizzjoni u l-interpretazzjoni korretta tal-artiklu 253 hija precizament kif gie ritenut fil-kawza "Balzan Imqareb vs Mortimer noe". Illi inoltre kif intqal in re: Cutajar vs Dr Scicluna noe (gja' citata supra),

*'huwa wkoll patrimonju tas-socjeta' d-distinzjoni rispettiva tal-familji. Din hija l-bazi u l-ordni ta' kull socjeta', u ghalhekk teoretikament ma jistax ikun permess lil persuna, l-ghaliex il-kunjomi taghha ma joghgobhiex …… li taddotta marte proprio dak il-kunjom gdid. Kieku jkun hekk, il-konsegwenza tkun id-dizordni u l-konfuzjoni tas-socjeta' ….."*

L-attur donnu jargumenta bl-invers imma ma jidhirx li legalment ghandu ragun."

B'rikors presentat fis-16 ta' Frar, 2001 l-attur appella minn din is-sentenza. Jinghad mill-ewwel li l-attur mhux jeccepixxi specifikatament in-nullita` tas-sentenza appellata ghar-raguni li din ma kienitx iddekretat ir-rikors tieghu tad-29 ta' April, 1998. Infatti it-talba fir-rikors ta' l-appell hi migjuba hekk:

**"…jitlob bil-qima lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza ta' l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili moghtija fl-1 ta' Frar, 2001 fl-ismijiet Damian Damian-Schembri vs Direttur tar-Registru Pubbliku, billi tilqa' t-talbiet[2] tal-attur appellant u tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellat"** (sottolinear ta' din il-Qorti).

[2] Fil-plural.

Ic-citazzjoni kien fiha talba wahda; anke li kieku l-ewwel Qorti laqghet it-talba ghall-korrezzjoni tat-talba fic-citazzjoni jew li kieku din il-Qorti – fi stadju ta’ appell – kellha tilqa’ din it-talba ghal tali korrezzjoni, it-talba kienet tibqa’ wahda u mhux aktar: cioe` jew it-talba ghal “korrezzjoni” kif originarjament proposta jew it-talba ghal “annotazzjoni fil-margini”.

L-appellant ghandu tlett aggravji, li ser jigu kkunsidrati fl-ordni li nghataw. L-ewwel aggravju ta’ l-appellant hu fis-sens li l-ewwel Qorti interpretat hazin l-Artkolu 253 tal-Kodici Civili. Din il-Qorti assolutament ma taqbilx ma’ l-appellant. Jibda biex jinghad li c-citazzjoni tal-attur kienet malament koncepita mill-bidu nett, u dan peress li c-certifikat tat-twelid ta’ persuna ma jaghtix il-kunjom ta’ dik il-persuna izda, ghal dak li huwa kunjom, jaghti l-kunjom ta’ missier u ta’ omm dik il-persuna (ara l-Formula “C” annessa mal-Kodici Civili u l-Artikolu 278 tal-istess Kodici). Huwa biss l-isem (dak li dari kien jissejjah “Christian name” a differenza ta’ “surname”) li jigi moghti specifikatament lill-persuna li ghaliha jirreferi c-certifikat li jkun. Ghalhekk din il-Qorti difficilment tifhem kif seta l-appellant, allura attur, jippretendi “korrezzjoni” f’kunjomu jekk ma jippremettix fic-citazzjoni ukoll li hemm zball fis-sens li kunjom missieru ma kienx “Schembri” izda kien “Damian-Schembri”. Il-provi juru li kunjom missier l-appellant huwa “Schembri”, u konsegwentement peress li t-tifel legittimu jiehu kunjom missieru, kunjom l-appellant hu “Schembri”. Il-Qorti tirrileva li anke qabel ma gie introdott l-Artikolu 4(3) kif inhu llum, it-tifel legittimu kien dejjem meqjus li jiehu kunjom missieru, u dan kien jista’ jigi argumentat minn dak li kienu jipprovdu l-Artikoli 80(2)(a), 92(1), 278 u 279 tal-Kap. 16. U huwa proprju ghax ic-certifikat tat-twelid ma jattribwix “kunjom” lit-tifel – it-tifel semplicement jassumi l-kunjom ta’ missieru (li mieghu, illum, jista’ jzid kunjom ommu[3]) – li r-referenza ghall-“isem” fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 253 hija neccessarjament referenza ghall-*prenom* u mhux ghall-

[3] Art. 4(3), Kap. 16.

kunjom jew “family name”. Kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha, anke mid-dibattiti parlamentari hu evidenti li l-hsieb tal-legislatur kien li, minkejja li ma jkunx jista’ jinghad li hemm zball – ghax fil-kaz ta’ zball japplika s-subartikolu (1) tal-Artikolu 253 – persuna li tkun giet konsistentement imsejha b’isem (jigifieri “first name”) differenti minn dak indikat fic-certifikat tat-twelid taghha, tkun tista’ tbiddel dak l-isem. Qatt ma kien il-hsieb tal-legislatur li jawtorizza bdil fil-kunjomijiet. Kif gie ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tal-14 ta’ Frar, 1947 fl-ismijiet ***Joseph Cutajar v. Avv. Dr. John Scicluna noe*** – sentenza li, incidentalment, ma segwietx sentenza precedenti tal-Prim Awla tal-31 ta’ Ottubru, 1930 fl-ismijiet ***Michele Mc Lean gia` Abdilla v. Notaro Salvatore Cremona nomine et***, din ta’ l-ahhar citata b’approvazzjoni minn din il-Qorti aktar recentement fis-sentenza, li ghaliha jaghmel hafna referenza l-appellant, u cioe` ***John Zammit maghruf bhala John Edward Zammit Pace v. Direttur tar-Registru Pubbliku***, 2 ta’ Marzu, 1994 –

**…hija haga maghrufa illi l-ligijiet ta’ l-istat civili, bir-registrazzjoni ta’ l-attijiet tat-twelid u taz-zwieg, kif ukoll tal-mewt, hija haga wisq importanti ghall-hajja civili tas-socjeta`, peress illi minn dawk l-annotazzjonijiet jiddependu hafna drittijiet tac-cittadini. Issa l-kunjom ta’ familja, kif inhu l-partimonju ta’ l-individwu, li l-familja ma tistax tinnegalu, huwa wkoll il-patrimonju tal-familja li ghandha certu interess li l-membri taghha jkunu maghrufa b’dak il-kunjom; u huwa wkoll patrimonju tas-socjeta` d-distinzjoni rispettiva tal-familji. Din hija l-bazi u l-ordni ta’ kull socjeta`, u ghalhekk teorikament ma jistax ikun permess lil persuna, l-ghaliex il-kunjom taghha ma joghgobhiex, taghzel kunjom iehor li jidhrilha li hu isbah, u forsi izjed skond l-idejiet moderni prevalenti, u taddotta “marte proprio” dak il-kunjom gdid. Kieku jkun hekk, il-konsegwenza tkun id-dizordni u l-konfuzjoni fis-socjeta`, jekk kwantita` kbira ta’ cittadini juzaw minn dak, jekk huwa dritt.**

F’din il-kawza, cioe` ta’ ***Cutajar v. Scicluna***, il-Qorti ta’ l-appell laqghet l-appell tad-Direttur tar-Registru Pubbliku u rrevokat is-sentenza tal-Prim Awla li kienet ordnat annotazzjoni fic-certifikat tat-twelid tal-attur biex jigi indikat li huwa kien, permezz ta’ att pubbliku fl-atti tan-Nutar Paul Pellegrini Petit, biddel kunjomu minn “Cutajar” ghal “Hamilton Cutajar”.

U dan igibna ghat-tieni u t-tielet aggravji li jistghu jigu konvenjentement kkunsidrati flimkien. L-appellant jikkontendi li l-ewwel Qorti messha laqghet it-talba tieghu ghal korrezzjoni fit-talba fic-citazzjoni, u li, una volta akkordata din il-korrezzjoni, ma kien hemm xejn xi jzomm lil Qorti – u anqas, allura, lil din il-Qorti ta’ l-Appell – milli tordna l-annotazzjoni fil-margini tal-att tat-twelid biex ikun hemm referenza ghall-kunjom “Damian-Schembri”. A propositu ta’ dawn iz-zewg aggravji din il-Qorti tosserva li l-appellant, wara li ppresenta r-rikors tieghu tad-29 ta’ April, 1998 ghall-korrezzjoni fit-talba, donnu ma baqghax jinsisti ghal din il-korrezzjoni ghax meta, fis-16 ta’ Ottubru, 2000 il-kawza thalliet ghas-sentenza (ghall-1 ta’ Frar, 2002) bla ma kien ghadu gie dekretet dak ir-rikors, huwa kellu aktar minn xaharejn zmien biex jigbed l-attenzjoni tal-Prim Awla li dak ir-rikors kien ghadu ma giex dekretat izda baqa’ ma ghamel xejn. Minkejja dan, din il-Qorti hija tal-fehma li anke li kieku l-ewwel Qorti laqghet it-talba ghall-korrezzjoni tat-talba fic-citazzjoni, xorta wahda kien ikollha fl-ahhar tichad it-talba attrici. Annotazzjoni fil-margini tal-att ta’ twelid, jekk hi permessa mill-gurisprudenza – u f’dan ir-rigward l-appellant jistrieh tista’ tghid esklussivament fuq is-sentenza ***Zammit sive Zammit Pace v. Direttur tar-Registru Pubbliku*** aktar ‘l fuq imsemmija – ghanda ssir <u>biss f’kazijiet eccezzjonali</u> li verament ikunu jimmeritaw li dak l-att b’xi mod jintmess. Fil-kaz ta’ ***Zammit sive Zammit Pace*** l-attur kien almenu addotta kunjom <u>ommu</u> – addizzjoni mal-kunjom tal-missier li l-legislatur haseb ghaliha bl-emendi introdotti bl-Att XXI ta’ l-1993 – u mhux qabad ismu u abbinah ma’ kunjomu biex jivvinta kunjom gdid. Din il-Qorti ma tistax tippermetti dawn il-hmerijiet fl-atti tal-anagrafe. Fi kliem iehor, anke li kieku l-ewwel Qorti laqghet it-talba ghall-korrezzjoni tat-talba fic-citazzjoni, xorta wahda kien ikollha eventwalment

tichad it-talba attrici peress li ma jirrikorrux l-estremi mehtiega ghal anotazzjoni simili.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez ta’ dana l-appell jithallsu mill-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------